# IL-BALLATA TAL-MARGERITA

Ta' Alb. M. Cassola *(Ballita)*

Tarrafli, fjura, nistax nafda fih:
Jekk tgħid li jħobbni, moħħi jkun mistrieħ.

Hekk dejjem thewden iż-żagħżugħa Rita
Issa li ħabbet u daħlet għarusa;
Bejn żewġt iswaba' żżomm il-Margerita,
Tneżżgħelha t-tebaq waħda waħda u tbusha.
Il-baħħ ġo qalbha hu mis-sema ûsa':
Hadd iżjed *ħlief u* dak il-vojt jimlieh!

Tarrafli, fjura, nistax nafda fih:
Jekk tgħid li jħobbni, moħħi jkun mistrieħ.

Il-ġnus ġellieda lill-maħbub serquli,
Minn art għal art magħhom ħaduh jiġġerra.
Biex isabbruni: "Jixraq hekk", qaluli,
"Li ma' l-oħrajn hu jieħu sehem fil-gwerra".
Ġo moħħi nħoss qisu serrieq jisserra.
Naħseb imutx jew igħixx u jikseb ġieħ.

Tarrafli, fjura, nistax nafda fih:
Jekk tgħid li jħobbni, moħħi jkun mistrieħ.

Jekk jiġi jmut jien iżjed qatt nistabar
U ħajti tteinm għax qalbi tkun miksura;
Tindifen miegħu fl-istess ħin u qabar:
Qabarna żejnu int, sabiħa fjura!
Filwaqt jekk igħix midrub, inkun maħqura
Narah bil-grieħi... mingħajr dawl... bla driegħ...

Tarrafli, fjura, nistax nafda fih:
Jekk tgħid li jħobbni, moħħi jkun mistrieħ.

Int tista' tħarsu, Inti biss Mulejja!
Int biss teħilsu mill-mewt kiefra u kerha!
Agħmel li meta jiġi lura ħdejja
Jibqa' jurini l-imħabba li wera.
Jekk tmut l-imħabba u jinsa kemm ġera
Warajja; imsejkna, imsejkna jien qatigħ!

Tarrafli, fjura, nistax nafda fih:
Jekk tgħid li jħobbni, moħħi jkun mistrieħ.

Il-Margerita jien nitgħaxxaq nara
Għax qisha l-mera tax-xemx sbejħa u sħuna,
U tar-rebbiegħa hi l-ewwel ħabbara:
Kif tidher hi t-tfajliet iħobbu annuna!
U huwa wkoll jien naħseb li jinduna:
Jibgħatli bewsa (minn fejn hu) mar-riħ?

Tarrafli, fjura, nistax nafda fih:
Jekk tgħid li jħobbni, moħħi jkun mistrieħ.

Jien tifla ltima u ma nafx bi mħabba
Għax biex wellditni, ommi mietet hija;
Missier m'għandix u jiena bqajt nitrabba
Mal-barranin sa mindu kont tarbija.
Għalhekk hu biss irid ikun għalija,
U naħlef jien li qed ngħix biss għalih!

Tarrafli, fjura, nistax nafda fih:
Jekk tgħid li jħobbni, moħħi jkun mistrieħ.

Ismagħni, fjura, widen agħti 'l talbi,
Irridek tgħid jekk iħobbnix tassew;
Jekk ma tistqarrx, int sa tiksirli qalbi
U jiem żgħożiti qishom ħolm jinħlew:
Darba kont smajt, l-irġiel malajr jinsew......
Iżda 'l maħbubi jien qatt ma ninsieh!

Tarrafli, fjura, nistax nafda fih:
Jekk tgħid li jħobbni, moħħi jkun mistrieħ.

Il-fjura tqanqlet. U ma bkietx weħidha
Meta bdiet tolfoq u twieġeb bid-dieqa:
Il-margeriti xerrdu dmugħ ta' nida
Għal dak li ġralha dik l-imsejkna ħlieqa.
Li taf is-sew dwar il-maħbub mixtieqa,
Hi kompliet tneżża' dak il-fjur sabiħ.

Tarrafli, fjura, nistax nafda fih:
Jekk tgħid li jħobbni, moħħi jkun mistrieħ.

Fl-aħħar din lissnet: "Tal-maħbub l-imħabba
Baqgħet bħal dejjem lejk kif inti tafha.
Hu bl-aħħar qatra demm ta' qalbu tabba'
Fjura oħra bħali! U taħsibhiex xi ħrafa
Jekk ngħid li ħabbek daqs t'għajnejh il-ħabba!
Issielet, ħabb u għex u miet u strieħ!"

Tarrafli, fjura, nistax nafda fih:
Jekk tgħid li jħobbni, moħħi jkun mistrieħ.

Il-fjura żiedet: "Miet ta' ljun qalbieni,
Ħsiebu sa l-aħħar fil-maħbuba Rita.
B'hekk taf li miet! Kun af ukoll: miet hieni!
Ma tmutx imħabbtu—kliem ta' Margerita!
Int la tonqsux: issokta fit-tislita
Iebsa tal-ħajja... u itlob għalih."

Tarrafli, fjura, nistax nafda fih:
Jekk tgħid li jħobbni, moħħi jkun mistrieħ.

Qalb Rita ntgħafset. Rasha ħeddlet biha.
Waqgħet mitlufa u tatha l-mejt l-għarusa:
Kien l-aħħar waqt, dik kienet l-aħħar siegħa.
Il-Margerita biss baqgħet biex tbusha!
(Qalb il-qarrej ukoll, aktarx magħfusa,
Fuq qabar Rita tixħet fjuri sbieħ).

Tarraft, ja fjura, setgħetx tafda fih:
Għedt illi jħobbha u moħħa hu mistrieħ.

Jitgħallmu ż-żgħażagħ li jaqraw dil-ġrajja
Kemm kbira l-qawwa ta' l-imħabba bnina.
Is-setgħa tagħha fuq il-mewt u l-ħajja
Jilmħu f'kull storja bħalma hija dina!
Il-Margerita maħbuba u ħanina
Ma tqarraq b'ħadd! Kif inhu, is-Sew turih!